**KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA**

---

**IL-HAMES LEGISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGHA TAL-KUNSILL**

**LAQGHA NUMRU 6 – L-ERBGHA 21 TA' OTTUBRU 2009 FIT 8:30PM**

Il Kunsill iltaqa' fl-Ufficju Amministrattiv tal-Kunsill

Prezenti

| | |
|---|---|
| Anthony Mifsud | Sindku |
| Simon Paul Fenech | Vici Sindku |
| Anatoile Scerri Diacono | Kunsillier |
| Antoine Vella | Kunsillier (Skuzat) |
| Helen Maria Bugeja | Kunsilliera |
| Hector Cassola | Agent Segretarju Ezekuttiv |
| Noel Callej | Designate Segretarju Ezekuttiv |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-Muniti gew mehuda bhala moqrija u saru korrezzjonijiet mehtiega. Dawn gew approvati mill-Kunsill u ffirmati mis-Sindku.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 Kuntratt Speech Therapist

Is-Sindku ipprezenta fuljett mit-titolu *Majjistral Action Group*. Dan huwa il-Grupp tal-Kunsilli Lokali tal-Majistral fejn hemm dispost l-ammont at €4M biex jitqassam bejn 13 il-Kunsill ghal ahjar idejat biex jigi zvilluppat programm fil-qasam tal-Agrigoltura, Vitikultura, bini ta' hitan tas-sejjieh, toroq Rulari, ghajnuna ghal SME's tal-lokall, Turizmu u NGOs, kif ukoll ghaqdiet Religjuzi.

Ir-Residenti rcevew din l-informazzjoni u ser issir laqgha gewwa l-ufficju tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa, nhar it-Tnejn 26 ta' Ottubru bejn 6:30pm u 8:00 pm. Ir-residenti kollha huma mistiedna biex jattendu u jaghmlu il-proposti taghhom.

Is-Sindku qall illi wiehed ghandu jqajjem il-kwistjoni tad-devuluzzjoni ta' propjeta li qed jitlob il-Kunsill minn ghand il-Gvern Centrali bhal per ezempju, *Is-Sisters Quarters*. Hemm ukoll il-bini tal-Arkivji li l-Kunsill ser jitlob biex jigi devolut lilu u il-problema tat-toroq residenzjali li ghadhom mhux iffurmati. Wiehed ghandu jsemmi ukoll il-progett tal-Bandli, ir-restawr fuq l-istatwa ta' San Ozwaldu u il-madwar.

Is-Sindku kompla jghid li ghandha issir talba lil-Gvern biex Triq Vincezo Bonello, li bhalissa qed issiru tiswijiet fir-*Retaining Wall* ghandha tinbenna mill-gdid u tinghata resurfacing bit-tarmac, jitpogew dwal gdid permezz ta' lampi godda fejn ma hemmx u titwessa fejn huwa possibli.

## 2.2 Ittra dwar id-Devoluzzjoni tal-Arlogg

Referenza L326/76/11 fejn jinghad illi bis-svista kienet harget ittra mid-dipartiment tal-Kunsilli lokali (LCD/268/94/27) fl'10 ta' Settembru 2009 fejn jinghad illi dan it-torri tal-arlogg ma' setghax jghaddi f'idejn il-kunsill. Is-Sindku ipprezenta ittra ohra fejn jinghad li din l-itra ghandha tigi injorata peress li ttiehdet decizjoni li it-Torri ser jaghddi f'idejn il-Kunsill u bhalissa qed jigi stabilit il-valur tal-kera ta' din il-propjeta' u qed jigi ppreparat il-kuntratt.

## 2.3 Statement ta' skeda ta' pagamenti mill-kumitat kongunt

Is-Sindku ipprezenta statement ta' skeda ta' pagamenti mill-kumitat kongunt ghal infurzar tal-ligi dwar il-*pooling* tal-multi u is-sehem tal-kunsill lokali tal-Imtarfa kien ta' €234.09. Is-Sindku qed jinsisti biex issir ukoll *pooling* simili bhal dak li jezisti ghal kontravenzjonijiet li jitiehdu mill-*cameras* u li huwa kellu l-appogg ta' din il-proposta mill-kunsilli ta' l-Iklin, tar-Rabat, ta' had-Dingli, u tal-Imdina u b'hekk il-kunsill tal-Imtarfa ikun jista jibbenefika b'dan il-mod.

Huwa informa lill-kunsill li l-ufficju tal-kumitat kongunt ser jopera sal-lahhar tas-sena.

## 2.4 Ittra mill-*Malta Olympic Committee*

Iil-Kunsillier Anatole Scerri Diacono ipprezenta ittra mibghauta mill-*Malta Olympic Committee* u ssugerixxa li jigu ikkuntatjatai is-Sur Vella (7905 0254) u is-Sur Ian Sansone (9949 9924) halli ssir laqgha bejniethom biex jiddiskuut il-kontenut tal-ittra.

**2.5 Rapport minn ghand CAMILLERI & CUSCHIERI Consulting Engineers**

L-Agent segretraju ipprezenta rapport minn Camilleri & Cushieri Consulting Engineers dwar l-istat tal-installazjoni tal-eletriku madwar binja Qlejja li huwa hazin hafna u perikoluz.

Is-Sindku ip-propona li jsir appuntament mal-Avukat Malcolm Mifsud biex tigi formulata ittra legali u mibghauta lil Enemalta, Il-Pulizija, Id-Dipartiment Tal-Kunsilli Lokali, L-Awtorita tad-djar u ir-residenti, b'kopja annessa ta' dan ir-rapport.

**2.6 Progett tal-bandli**

L-Agent Segretarju ipprezenta l-ahhar stimi minn ghand il-Perit Musumeci tal-progett tal-bandli. Dwar dan il-progett is-Sindku issugerixxa li tigi ipprezentata u mahruga *Expression of Interest* ghal dan il-progett.

**2.7 Telephone System ghall-Kunsill**

Id-Designate Secretary gie mitlub jirraporta dwar korrispondenza fuq is-sistema l-gdida tat-telephone gewwa il-kunsill. Huwa ipprezenta tlett offerti li rcieva gewwa l-kunsill u qall li ser is-sejjah laqgha ma' min tefa l-offerti biex jigu ic-carati certu affarijiet. Huwa ser jirraporta mill-gdid wara li jsiru dawn il-laqghat fill-laqgha tal-kunsill li jmiss.

**2.8 Computer System ghall-Kunsill**

Rigward is-sistemi tal-kompjuters, huwa qall li ghalkemm kien tiga hemm decizjoni li dawn jinxtraw, huwa rega ghamel *call for quotations* ghaliex is-sistemi maghzula hames xughur ilu kienu diga *outdated*. Tnejn minn sitta tefaw il-*quotations* u kien deciz li il-kunsill jixti is-sistemi minn ghand *Ahead Technologies*.

**2.9 Ittra tar-rizenja minn ghand Angie Nastri**

Is-Sindku ipprezenta ittra tar-rizenja minn ghand Angie Nastri li kienet l-iskrivana tal-kunsill ghal dan l-ahhar sitt gimghat.

**2.10 Insurance**

Is-Sindku ipprezenta il-kuntratt li s-segretarju kien ghamel meta inghatat it-*Tender* tal-Polozz tas-Sigurta' (Insurance Policies). Kellha

issir emenda fl-ahhar paragrafu tal-kuntratt kif gej: *<u>During the coverage of these policies, the insurance shall be valid for one year duration, with the option that the Council will extend the contract for a period of another three years, year by year</u>*.

### 2.11 Northern Cleaners

Ittra ohra ipprezentata mill-Agent Segretarju kienet minn ghand il-koperativa *Northern Cleaner* fejn jinfurmaw lil kunsill li sejra ixxolji l-operat taghha izda il-kuntrattur Raymond Mizzi, li kien jiehu hsieb <u>il-gbir tal-iskart domestiku</u> kien sejjer ikompli jaghti is-servizz tieghu personali sakemm il-kunsill johrog *Tender* gdida.

## 3. LISTA TA PAGAMENTI

Gew ipprezentati zewg listi ta' Pagamenti, wahda ghax-xaghar ta' Settembru u l-ohra ghax-xaghar ta' Ottubru sal-20 ta' Ottubru.2009.

Dwar il-lista ta' Pagamenti ghax-xaghar ta' Settembru, kien hemm dawn l-emendi:

- **Numru 7** – Enemalta: Dan il-kont ta' €8979.64 gie mizmum u jghaddi ghad l-Avukat;
- Numru 10 – *Extra Sweeping*: €90 flok €80 – Mizmhum sakemm tinghata spjegazzjoni;
- Numru 13 – *Soft areas*: €1353.95 Mizmhum sakemm jigi ivverifikat jekk mhux doppju;
- Numru 22, 23, 24: JM Installations (22) €721.25, (23) €596.45, (24) €671.42 – Pendenti sakemm tigi ipprezentatat spjegazzjoni
- Numru 25 – Future Focus €1180 – pagament bill-quddiem **mhux accettat**.

Il-Pagamenti ta' Ottubru gew approvati mill-kunsill minn ghajr ebda tibdil.

## 4. QUARTERLY FINANCIAL REPORT – JULY 2009

L-Agent Segretarju kien ilu jitlob lil Accountant sabiex jissotometti l-ewwel rapport finanzjarju ghal din is-sena finanzjarja. Kien hemm diffikultajiet ta' kommunikazzjonu bejn dan l-ufficju tal-Kunsill u l-*Accountant* meta ghal diversi drabi dan ma ntlahaqx b'telefonati. Wara li nbaghtitlu email, dan ikkomunika u ghandu jgib l-ahharijiet il-quddie f'qasir zmien.

### 5. Gemmellagg mal-Municiplaita Arvidsjaur

Is-Sindku qal li gejja delegazzjoni minn Arvidsjaur u din sejra tkun Malta mill-15 ta' Novembru sat-22 ta' Novembru 2009. B'kollox gejjin 51 delegat. Il-kunsillier Anatole Scerri Diacono ipprezenta 4 kwotazzjonijiet minn ghand lukandi ewlenin ghal akkomodazzjoni tad-delegati. Wara diskussjoni intlahaq qbill mill-kunsill biex dawn jigu alloggjati fil-lukanda Suncrest.

Is-Sindku qara il-programm li gie imfassal ghal din iz-zjarja. Kopja ta' dan il-programm huwa anness ma dawn il-minuti. Is-Sindku qal ukoll li dan il-programm li huwa approvat mill-Unjoni Ewropea u kwalunkwe tidil li jsir, irrid jigi approvat mill-istess Unjoni Ewropea. Kien hemm qbill mill-kunsill dwar dan il-programm.

L-Agent Segretarju Ezekuttiv qal li huwa kieteb lil Onor. Chris Said fejn ghamel talba formali ghal *co-Financing Funds* ta' €60 ghal kull delegat li gej. Huwa qed jistenna risposta dwar dan.

Is-Sindku tkellem dwar il-*Future Focus Limited* u qal li din l-azjenda kienet ghamlet applikazzjoni ghal dan *it-Twinning* ghan-nom ta' dan il-kunsill, liema twinning irnexxa u intalab €1400 biex jigi imfassal il-programm. Il-Kunsill ha l-inizjattiva biex jorganizza dan kollu huwa u b'hekk iffranka il-flus, izda il-*Future Focus* kien sejjer jiehu hsieb li jtella il-konferenzi bil prezz ta' €500 u jingabru il-kwotazzjonijiet biex tinhareg Purchuse Order ghal dan u ghall incentive ohra.

Is-Sur Jonh Galea, Direttur tal-Future Focus jithallas biss meta il-Kunsill jircievi il-flus ghal gemmellagg mill-UE. Il-kunsill qabel dwar dan
.

### 6. Inkaggar tas-Segrettarju Ezekkutiv u Hand-over mill-Agent Segretarju

Dr. Noel Calleja li gie inkaggat mill-Kunsill bhala *Designate* Segretarju Ezekkutiv sakemm tigi approvat il-hatra tieghu mill-OPM, kien prezenti ghal din il-laqgha u qal li l-*hand over* ghada ghaddejja izda ghada mhiex komplita pero s'issa, il-magor parti tal-affarijiet gew murijja tajjeb. Koperazzjoni bejn is-Sur Hector Cassola u Dr. Noel Calleja qeda ssir tajba u '*running smooth'*.

Is-Sindku qal li wara erba snin, dan il-kunsill sejjer ikollu l-ewwel Segretarju Ezekkutiv.

### 7. Inkaggar tal-iskrivan/a mall-Kunsill

Is-Sindku kien diga ipprezenta itra fejn l-iskrivana tal-Kunsill taght ir-rizenja taghha wara 6 gimghat. Il-kunsill qabel li ghandhom jinfethu l-applikazzjonijiet ghal post ta' skrivan/a skont id-dispozzizjonijiet imfassla fir-regolamenti tar-Rizorsi Umani tal-Kunsilli.

Ix-xoghol tal-Kunsill bhalissa qied jitmexxa mil-Agent Segretarju Hector Cassola b'ko-ordinament ma Dr. Noel Calleja id-*Designate Executive Secretary*, u l-iskrivan

mill IPSL, is-Sur Manwel Cristina. U dan peress li l-kunsill ma' ghandhux ebda skrivana impjegata.

**8. Millitry Imtarfa**

Din it-tema fuq l-agenta tall-llum thalliet ghal-laqgha ohra bi qbil unanimu.

**9. AGGORNAMENTI**

**9.1 IS-SINDKU**

9.1.1 Qall li ghandha tinkieteb ittra lis-Sur Mario Magro, Awtorita tad-Djar biex jigi iffirmat il-kuntratt tal-*Club House*. Irridu jkunu prezenti is-Sindku, Is-Segrtarju u il-partijiet annesi l-ohra.Dan il-kuntratt kien tiga gie diskuss u approvat mill-kunsill fl-laqgha precendenti.

9.1.2 Zjara ta' Kortesija mill-Ambaxxatur Ulla. Is-Sindku qal li kellu zjara ta' kortesija mill-Ambaxxatrici Zvediza Ms. Ulla ghal Malta, fejn hija giet imdawra mall-lokalita' u milqghuha mis-Sindku, il-Vici Sindku, Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono, l-Agent Segrteraju Hector Cassola u d-*Designate Executive Secretary*, Dr. Noel Calleja. Hija wriet l-apprezzament taghha u r-ringrazzjat lil Kunsill ghal istedina.

9.1.3 Il-Kunsill qabel li ssir serata Poetika fejn l-Ambaxxatrici tigi mistiedna ghal-gheluq tal-presidenza Zvediza. Min isemmi ukoll il-qaddisa Padruna tal-Isvezja hija l-istess bhal dik l-Imtarfa, Sta. Lucija. L-ativita tas-serata Poetika imfassla bejn il-kunsill, il-knsja u l-ambaxxata Svediza, sejra ssir fit-12 ta' Dicembru 2009 u il-Kunsill sejjer jixxel it-toroq ghal-okkazjoni. Il-Kunsill qabel.

9.1.4 Is-Sindku habbar li x-xoghol fuq il-monument tal-*fire station* inbeda. Inhareg il-permess minn ghand il- MEPA u il-kuntrattur huwa Raymond Galea u dan ghandha tinhariglu *Purchase Order*.

9.1.5 Is-Sindku qal li hemm bzonn tinhareg sejha ghal kwotazzjonijiet biex jinqalaw il-bandli minn fejn huma u jingarru ghal post maghruf bhala tal-'Karnival'. Wahda mill-bandli sejra tinzamm bhala relikwa storika. Wiehed irrid jiccekja jekk ma hemmx bzonn permess tal-Mepa biex issir dan it-transferiment.

9.1.6 Tnehhiet il-funtana mit-Town Centre bi press ta' €932 peress li din kienet qed tostakola il-pjazza.

9.1.7 Inbeda x-xoghol fuq il-hajt ta' Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello biex jitnehha il-perikolu u r-residenti jkollhom mohhom mistrieh meta jkunu ghaddejjin mill-istess triq. Ta

dan xieraq li jinghad grazzi ghal isforz li saru mill-kunsill u li Ministeru tal-Affarijiet Rurali, specjalment lis-Sur Joseph Borda tal-kollaborazzjoni eccelenti li taghna u xejn anqas lil Sur Peter Cordina tal-Kontribuzzjoni tieghu bhala Kap tal-Protezzjoni Civili.

9.1.8 B'Kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali, inbeda x-xoghol fuq il-*football ground* li ghaddej b'ritmu maghggel.

9.1.9 L-Ghaqda Drama Group Imtarfa, ser itella dramm, bl'isem ta' *Skrooge* fl-iskola sekondarja, fis-19 ta' Dicembru u ser jintalab permess lil istess skola biex wahda mis-swali tintuza mill-kunsill u jsiru posters ghall okkazjoni.

9.1.10 Il-Kunsill qabel li jaghti ittra ta' NO OBJECTION biex id-drama Grupp jaghmlu lotterija.

9.1.11 Kien hemm qbill mill-kunsill sabiex *Tender* Publika tinhareg ghaz-zamma u manutenzjoni tal-latrina publika. Il-Kunsill taghlab lis-Segretarju biex jigu ippreparati d-dokumenti u diskussi f'laghqa tal-kunsill sabiex jiegu imfassla seww il-kundizzjoniejit specifiki ghal bzonnijiet tal-latrina.

9.1.12 Kien hemm qbil illi t-tender tal-iskart domestiku jinhareg mal-Kumitat Kongunt Tramuntata kif ukoll mill-kunsill lokali.

9.1.13 Saret talba biex issir verifika jekk l-iskrivan Jason Cutajar kienx ha il-bonus tal-Gvern doppju.

**9.2 Il-Vici Sindku**

9.2.1 Il-Vici Sindku Simon Paul Fenech semma lista ta' xogholijiet li qed isiru fil-lokalita'. Dawn huma kif gej:

- Bus Shelter fit-Triq San David
- Numru ta' Bankijiet
- Tabelli tat-toroq
- Tnehhiet il-Funtana mill-Pjazza
- Qed isiru preparament ghal-armar tal-Milied
- Zebra Crossing fi Triq l-Imtarfa hdejn il-Bandli
- Qed jigi imtella hajt fi Triq Kavallier Vincenzo Bonello
- Twahhlu merja ghat-traffiku
- Twahhlu tabelli godda tal-Gemmellagg

9.2.3 Ittra mibghawta mill ADT li sar xoghlijiet fi triq l-Imtarfa fejn iqalet il-problema tal-ilma tax-xita. Ghandu jigi espert mid-dipartiment tal-ADT sabiex jidentifika il-problema halli tigi r-rimedjata. Il-hsara tal-lilma qedha bejn l-iskola u it-tilar *panel beater*. Persuna mid-dipartiment ghandha tintaqa mall-kunsill sabiex issir ir-rimedju.

9.2.4 Kien hemm talba biex il-laqaghat jibdew isiru mis-7pm il-quddiem u mhux kif kienet il-prazzi. Il-Kunsill qabel.

**9.3 Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono.**

9.3.1 Huwa qal li huwa attenda ghal laqa tal-Kunsill Nazzjonali Zaghzagh fejn iz-zahzagh ser jiehdu sehem f'attivitajiet li ghazlu huma stess.

9.3.2 Gejjin rapprezentati tal-Kunsill Nazzjoanli Zaghazagh biex jispjegaw fuq xhiex sejrin jikonsistu dawn l-attivitajie u ko-ordinamenti.

## 10. Gheluq il-Laqgha

Il-laqgha intemmet fis-siegha (1) ta' filghodu tal-gurnata tal Hamis, 22 ta' Ottubru 2009. Ma kien hemm ebda ftehim ta' data fissa ghal laqa li jmiss.

| | |
|---|---|
| **Hector Cassola** | **Anthony Mifsud** |
| **Agent Segretarju Ezekkutiv** | **Sindku.** |